BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Data tal-Pubblikazzjoni:** **2 ta' Frar 2010**

**Suġġett:** **Jintemm il-perijodu tat-tisrif tal-muniti Maltin**

Ilbieraħ l-1 ta' Frar kienet l-aħħar ġurnata li l-muniti tal-lira, taċ-ċenteżmi u tal-milleżmi Maltin setgħu jinbidlu f'euro. Dawn il-muniti ma baqgħux valuta legali fil-31 ta' Jannar 2008, iżda bil-liġi kien fadal perijodu ta' sentejn fejn setgħu jibqgħu jissarrfu. Matul dawn l-aħħar sitt ġimgħat il-Bank, permezz ta' riklami fuq il-mezzi tax-xandir lokali, fakkar lill-pubbliku kemm-il darba fuq id-data finali sa meta dawn il-muniti setgħu jibqgħu jissarrfu. Hu stmat li aktar minn erbat elef persuna ġew il-Bank matul Jannar biss. L-ammonti msarrfa fil-Bank kienu jvarjaw minn transazzjonijiet żgħar ta' ftit ċenteżmi sa oħrajn ferm akbar b'ammonti li jaqbżu l-elf lira u għaxriet ta' eluf ta' muniti.

Fi tmiem il-proċess ta' tisrif, il-valur ta' muniti mhux imsarrfa hu ta' Lm11.12 miljun, ekwivalenti għal €25.91 miljun. Għalkemm ma jistax ikun żgurat għalfejn daqshekk muniti ma ġewx imsarrfa, wieħed jista' jassumi li ammont kbir minnhom ikun ħareġ barra l-pajjiż minn turisti li żaru lil Malta matul is-snin. Il-muniti msarrfa, li jammontaw għal madwar 94 miljun biċċa u li jiżnu xi 400 tunnellata, ser jinbiegħu lil kumpaniji speċjalizzati fir-riċiklaġġ tal-metall tagħhom. Figuri aktar dettaljati dwar muniti Maltin fiċ-ċirkolazzjoni jidhru fit-tabella.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta jixtieq jirringrazzja lill-pubbliku u lill-mezzi tax-xandir għall-koperazzjoni tagħhom partikolarment matul dawn l-aħħar ftit xhur.

Il-Bank jixtieq ifakkar lill-pubbliku li l-karti tal-flus tal-lira Maltija jistgħu jibqgħu jissarrfu fl-*Annexe* tal-Bank f'*St James's Counterguard,* il-Belt Valletta sal-31 ta' Jannar 2018.

**Tabella: Muniti tal-lira Maltija fiċ-ċirkolazzjoni f'dati speċifiċi**

| | | Valur f'Lm (Lm '000) | Volum |
|---|---|---|---|
| 1 ta' Jannar 2007 (sena qabel il-bidla għall-euro) | | 20,852.2 | 238,654,095 |
| 31 ta' Diċembru 2007 | | 18,714.1 | 228,334,056 |
| 31 ta' Jannar 2008 (tmiem l-Lm bħala valuta legali) | | 13,814.7 | 185,902,447 |
| 1 ta' Frar 2010 | 2m | 17.8 | 8,879,505 |
| | 3m | 21.9 | 7,311,147 |
| | 5m | 36.5 | 7,297,180 |
| | 1ċ | 469.7 | 46,965,650 |
| | 2ċ | 686.9 | 34,346,238 |
| | 5ċ | 1,026.5 | 20,530,811 |
| | 10ċ | 1,907.5 | 19,074,708 |
| | 25ċ | 1,554.9 | 6,219,786 |
| | 50ċ | 2,045.8 | 4,091,697 |
| | Lm1 | 3,354.3 | 3,354,295 |
| | Total ta' muniti mhux miġbura | 11,121.8 | 158,071,017 |